



Dokument ta' sessjoni

A9-0040/2024

16.2.2024

RAKKOMANDEZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (13106/2023 – C9-0396/2023 – 2020/0011(NLE))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

(Proċedura b'kumitat konġunt – Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

Rapporteurs: Kira Marie Peter-Hansen, Cindy Franssen

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
ANNEX: ENTITAJET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	10
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	11
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	15
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	16

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (13106/2023 – C9-0396/2023 – 2020/0011(NLE))

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (13106/2023),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol,
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 153(2), l-Artikolu 153(1), il-punt (a), l-Artikolu 157(3) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0396/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A9-0040/2024),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

NOTA SPJEGATTIVA

Introduzzjoni

Madwar id-dinja, aktar minn persuna waħda minn kull ħamsa f'impjeg esperjenzaw mill-inqas xi forma ta' vjolenza u fastidju fuq il-post tax-xogħol matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, kemm jekk b'mod fiżiku, psikoloġiku, jew sesswali¹.

In-nisa huma affettwati b'mod sproporzjonat u mara minn kull tlieta fl-UE tesperjenza forma ta' vjolenza fiżika u/jew sesswali. Madwar terz tan-nisa, li ffaċċjaw fastidju sesswali fl-UE, esperjenzaw dan fuq il-post tax-xogħol, u dan jikkostitwixxi ostaklu importanti għad-dħul u ż-żamma fil-forza tax-xogħol li jdgħajjef l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u jżid id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri.

Hemm wisq nies li għadhom fil-mira tal-vjolenza u l-fastidju minkejja l-konsegwenzi kbar għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom, l-aċċess għal opportunitajiet indaqs, u x-xogħol deċenti. Barra minn hekk, il-konsegwenzi tal-vjolenza u l-fastidju jaffettwaw is-soċjetà inġenerali - is-servizzi pubbliċi u privati jġarrbu ħsara sinifikanti u l-inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol u lil hinn minnu jaggravaw.

Il-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol iridu jinqerdu u l-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO dwar il-Vjolenza u l-Fastidju toffri qafas eċċellenti biex dan jinkiseb.

Il-Konvenzjoni

Il-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO (C190) hija l-ewwel trattat internazzjonali li jirrikonoxxi d-dritt ta' kulħadd għal dinja tax-xogħol ħielsa mill-vjolenza u l-fastidju, inklużi l-vjolenza u l-fastidju abbażi tal-ġeneru. Tistabbilixxi kemm l-obbligu li dan id-dritt jiġi rrispettat, promoss u rrealizzat, kif ukoll standards minimi biex jiġu indirizzati l-fastidju u l-vjolenza għall-promozzjoni ta' ambjent tax-xogħol san, sikur u ugwali għal kulħadd.

L-Artikolu 1 jipprovdi l-ewwel definizzjoni internazzjonali tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni, li tipproteġi lill-ħaddiema u lil persuni oħra fid-dinja tax-xogħol inklużi l-impjegati, il-ħaddiema irrispettivament mill-istatus kuntrattwali tagħhom, il-persuni fit-taħriġ, il-ħaddiema li l-impjeg tagħhom ġie tterminat, il-voluntiera, il-persuni li qed ifittxu impjeg, u l-applikanti għal impjeg kif ukoll is-superviżuri u l-impjegaturi. Il-Konvenzjoni tapplika għas-setturi kollha, kemm privati kif ukoll pubbliċi, kemm fl-ekonomija formali kif ukoll f'dik informali, u kemm jekk f'żoni urbani jew rurali.

L-Artikoli 4 sa 6 jistabbilixxu l-prinċipji fundamentali tal-Konvenzjoni, li tippromwovi approċċ inklużiv, integrat u li jkun reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru, għall-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol.

L-Artikoli 7 sa 9 jirrikjedu li l-Istati Membri jiddefinixxu u jipprojbixxu l-vjolenza u l-fastidju

¹ https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---dgreports/---dcomm/documents/publication/wcms_863095.pdf

fid-dinja tax-xogħol permezz tal-liġijiet u r-regolamenti u jadottaw miżuri xierqa biex jevitawhom. Dan għandu jinkludi l-identifikazzjoni tas-setturi jew il-professjonijiet u l-arranġamenti tax-xogħol li fihom il-persuni fil-post tax-xogħol ikunu aktar esposti għall-vjolenza u l-fastidju. L-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jadottaw liġijiet u regolamenti li jirrikjedu li l-impjegaturi jieħdu passi xierqa proporzjonati mal-grad ta' kontroll tagħhom biex jipprevjenu l-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol.

L-Artikolu 10 jirrikjedi li l-Istati Membri jimmonitorjaw u jinfurzaw il-liġijiet u r-regolamenti stabbiliti mill-Konvenzjoni u jiżguraw aċċess faċli għal mekkaniżmi u proċeduri sikuri, ġusti u effettivi ta' rapportar u għas-soluzzjoni tat-tilwim. Għandhom jittieħdu miżuri biex l-ilmentaturi, il-vittmi, ix-xhieda u l-informaturi jiġu protetti kontra l-vittimizazzjoni jew ir-ritaljazżjoni. Għandhom jiġu previsti sanzjonijiet għal każijiet ta' vjolenza u fastidju fejn xieraq. Il-Konvenzjoni tirrikjedi li l-Membri jiżguraw aċċess faċli għal rimedji xierqa u effettivi, kif ukoll għal miżuri ta' appoġġ legali, soċjali, mediku u amministrattiv għall-ilmentaturi u għall-vittmi.

L-Artikolu 11 jirrikjedi li l-Istati Membri, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, għandhom ifittxu li jiżguraw li l-politiki nazzjonali rilevanti jindirizzaw il-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol u jappella lill-Membri jiżguraw li jiġu pprovduti gwida, riżorsi, taħriġ jew għodod oħra lill-impjegaturi, lill-ħaddiema u lis-sħab soċjali, kif ukoll lil awtoritajiet rilevanti oħra, f'formati aċċessibbli.

Il-konsistenza mal-politiki u l-oġettivi oħra tal-UE

L-oġettiv ta' dinja tax-xogħol ħielsa mill-vjolenza u l-fastidju huwa inkorporat fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Soċjali Fundamentali tal-Ħaddiema u fil-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa. Minħabba li l-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol kapaċi jaffettwaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u b'mod partikolari, ambjent tax-xogħol san, kif ukoll l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, l-UE jeħtieġ li tieħu passi biex tiddefinixxi u tipprojbixxi din l-imġiba. L-UE għandha tippromwovi r-ratifika tal-konvenzjonijiet internazzjonali tax-xogħol mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol għall-promozzjoni ta' xogħol deċenti għal kulħadd, saħħa u sikurezza fuq il-post tax-xogħol u ugwaljanza bejn il-ġeneri kif ukoll għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

L-Istati Membri kollha tal-UE appoġġjaw l-oġettivi ta' din il-Konvenzjoni u kellhom rwol ewlieni fl-adozzjoni tagħha. Fil-korp tripartitiku li jipproponi l-Konvenzjoni għar-ratifika, l-ebda Stat Membru ma vvota kontra jew astjena. Sa issa, seba' Stati Membri rratifikaw il-Konvenzjoni Nru 190².

Il-fehmiet tal-Korapporteurs

Nilqgħu l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO bħala pass kruċjali lejn it-tiswir ta' dinja Ewropea tax-xogħol ibbażata fuq l-ugwaljanza, id-dinjità u r-rispett.

Il-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol jistgħu jkunu xprunati minn fatturi relatati mal-ambjent tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-interazzjonijiet ma' partijiet terzi bħall-konsumaturi u l-klijenti. Kwistjonijiet soċjetali usa' lil hinn mid-dinja tax-xogħol jistgħu jikkontribwixxu wkoll għall-kawżi ewlenin tal-vjolenza u l-fastidju. Tali kwistjonijiet

² 15/01/2024

jinkludu r-relazzjonijiet tal-poter, in-normi tal-ġeneru, in-normi kulturali u soċjali kif ukoll id-diskriminazzjoni u l-istigmatizzazzjoni.

Barra minn hekk, hemm diversi modi kif il-vjolenza u l-fastidju jimmanifestaw ruħhom fid-dinja tax-xogħol. Jistgħu jinkludu vjolenza u fastidju b'mod fiżiku, psikoloġiku kif ukoll sesswali. Fil-fatt, l-aktar forma komuni ta' vjolenza u fastidju hija dik psikoloġika u għet esperjenzata kważi minn persuna waħda minn kull ħamsa fuq il-post tax-xogħol fil-ħajja tax-xogħol tagħha³.

Il-korapporteurs għalhekk jilqgħu l-fatt li l-Konvenzjoni tqis dawn l-aspetti kollha u għalhekk jirrikjedu l-adozzjoni ta' strateġija komprensiva sabiex jiġu implimentati miżuri li jindirizzaw l-għadd kbir ta' kawżi u manifestazzjonijiet ta' vjolenza u fastidju.

Barra minn hekk, ir-rapporteurs jemmnu bis-siġħ li jridu jittieħdu wkoll passi leġislattivi ulterjuri fil-livell tal-UE biex jikkomplementaw il-qafas leġislattiv eżistenti. B'mod partikolari, huma jappellaw għall-adozzjoni rapida tad-direttiva dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, kif ukoll għal proposta għal strument leġislattiv biex jiġu indirizzati r-riskji psikosoċjali fid-dinja tax-xogħol.

L-użu mtejjeb tat-teknoloġiji diġitali online fid-dinja tax-xogħol aggrava wkoll ir-riskju ta' vjolenza u fastidju, peress li jipprovdu pjattaforma ġdida biex dawn iseħħu. Jekk ma jiġux stabbiliti l-politiki t-tajba, it-teknoloġiji diġitali x'aktarx li joħolqu kundizzjonijiet għall-ħolqien ta' mġiba antisosċjali, inklużi l-vjolenza fiżika ta' partijiet terzi u bullying jew fastidju fuq il-post tax-xogħol.

Għalhekk, huwa importanti li l-Konvenzjoni twieġeb għar-realtà li atti ta' vjolenza u fastidju ma għandhomx neċessarjament iseħħu esklużivament f'post tax-xogħol fiżiku tradizzjonali.

Ir-rapporteurs jemmnu wkoll li l-UE jeħtiġilha tagħmel aktar biex tiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema fl-ambjenti kollha, inklużi dawk diġitali, u jfakkru fit-talba tal-Parlament Ewropew għal proposta leġislattiva ġdida dwar il-ġestjoni algoritmika fid-dinja tax-xogħol.

Il-persuni kollha fid-diversità kollha tagħhom għandhom id-dritt għal dinja tax-xogħol ħielsa mill-vjolenza u l-fastidju, u bħala soċjetà, għandna l-obbligu li niżguraw li dan il-prinċipju jiġi rispettatt.

Madankollu, ir-riskju li wieħed jesperjenza vjolenza u fastidju mhuwiex distribwit b'mod ugwali. Ċerti gruppi tal-popolazzjoni u ħaddiema f'ċerti setturi, bħall-ħaddiema domestiċi u l-ħaddiema fl-ekonomija informali, għandhom fil-mira b'mod sproporzjonat tal-vjolenza u l-fastidju fid-dinja tax-xogħol b'forom multipli u intersezzjonali ta' diskriminazzjoni li jagħmlu lil xi individwi aktar vulnerabbli għar-riskji minn oħrajn. Pereżempju, il-ħaddiema LGBTI għandhom tendenza li jiffaċċjaw riskju ogħla li jkunu esposti minn ħaddiema mhux LGBTI. Bl-istess mod, huwa rrapportat li huwa aktar probabbli li persuni b'diżabilità jesperjenzaw fastidju relatat max-xogħol u t-tipi kollha ta' vjolenza fid-dinja minn persuni mingħajr diżabilitajiet⁴.

³ https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---dgreports/---dcomm/documents/publication/wcms_863095.pdf

⁴ https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---dgreports/---gender/documents/briefingnote/wcms_738118.pdf

Saħansitra r-riskju ta' esponiment jista' jissaħħaħ aktar jekk l-istess ħaddiem jiffaċċja diskriminazzjoni għal raġunijiet oħra, bħall-oriġini etnika.

Is-sejħa tal-Konvenzjoni għall-ħtieġa li jiġu identifikati, u li jitqiesu, il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-membri ta' dawn il-gruppi li jistgħu jesperjenzaw vjolenza aktar ta' spiss, jew b'xi mod uniku, hija essenzjali. Ir-rapporteurs jixtiequ jenfasizzaw il-ħtieġa li dan l-aspett jiġi traspost bis-sħiħ fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni mill-Istati Membri tal-UE. Madankollu, ma nistgħux nibdlu dak li ma nistgħux naraw. F'dan ir-rigward, ir-riċerka u l-għbir sistematiku tad-data huma kruċjali għall-iżvilupp ta' politiki u interventi bbażati fuq l-evidenza biex il-vjolenza u l-fastidju jintemmu fuq il-post tax-xogħol. Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tad-data amministrattiva madwar l-Unjoni, ir-rapporteurs iħeġġu bil-qawwa lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni sabiex jingħalaq dan id-distakk fid-data, billi tikkomplementa l-linji gwida komuni eżistenti bil-għbir ta' data li tiffoka fuq gruppi f'riskju.

Filwaqt li l-moviment #Metoo għamel passi rivoluzzjonarji, mhux l-inqas bħala katalist għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni Nru 190, għad fadal ħafna xi jsir. Ir-rapporteurs huma mħassba dwar ir-rigressjoni fil-progress fl-oqsma tal-ugwaljanza u l-għlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju u jemmnu li din il-kwistjoni teħtieġ l-ogħla attenzjoni u prijoritizzazzjoni politika. F'dan il-kuntest, ir-rapporteurs jilqgħu wkoll li l-Konvenzjoni Nru 190 tirrikonoxxi li l-vjolenza u l-fastidju jaffettwaw lin-nisa b'mod sproporzjonat. Għalhekk neħtieġu approċċ olistiku u reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru għall-għlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju. Dan ifisser li jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti u l-fatturi ta' riskju bħall-istereotipi marbuta mal-ġeneru u r-relazzjonijiet tal-poter ibbażati fuq il-ġeneru. Ir-rapporteurs jemmnu bis-sħiħ li għandhom jittieħdu miżuri addizzjonali biex tiġi evitata l-kultivazzjoni ta' stereotipi ta' ħsara marbuta mal-ġeneru. Filwaqt li jitqies li, minn età żgħira ħafna, it-tfal ikunu esposti għar-rwoli tal-ġeneru, huwa kruċjali li l-istereotipi marbuta mal-ġeneru jiġu indirizzati permezz tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal.

Is-sħab soċjali għandhom ukoll rwol kritiku biex il-vjolenza u l-fastidju jiġu indirizzati permezz ta' djalogu soċjali. Għalhekk, ir-rapporteurs iħeġġu lis-sħab soċjali jindirizzaw il-kwistjoni, pereżempju, permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ fuq il-post tax-xogħol. Il-Konvenzjoni tagħmilha ċara li ċ-ċaħda tad-dritt għal-libertà ta' assoċjazzjoni u tan-negożjar kollettiv hija fattur sinifikanti biex jiżdied ir-riskju li wieħed jesperjenza vjolenza u fastidju.

Is-suq tax-xogħol Ewropew għandu jkun post li jrawwem il-progress. Għalhekk, l-UE jeħtiġilha timxi 'l quddiem u tippromwovi r-ratifika globali tal-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO. Id-dritt għal ambjent tax-xogħol san u sikur huwa prinċipju fundamentali, u għalhekk il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol ma għandhom ikunu ttollerati mkien.

L-UE jeħtiġilha tuża l-mezzi kollha possibbli, inkluż li tqis l-introduzzjoni ta' kundizzjonalitajiet għar-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO fil-politika kummerċjali tagħha ma' pajjiżi terzi.

Konsegwentement, ir-rapporteurs jipproponu li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill.

**ANNES: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteurs jiddikjaraw li rċeview kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport:

Entità u/jew persuna
ILO Office for the European Union and the Benelux countries
ACV-CSC
ETUC

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteurs.

14.2.2024

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (13106/2023 – C9-0396/2023 – 2020/0011(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Nicolaus Fest

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u lill-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi, bħala l-kumitati responsabbli, sabiex jirrakkomandaw l-approvazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissema f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Deċizzjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol
Referenzi	13106/2023 – C9-0396/2023 – 2020/0011(NLE)
Kumitati responsabbli	EMPL FEMM
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 18.1.2024
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Nicolaus Fest 12.5.2020
Artikolu 58 – Proċedura b’kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	18.1.2024
Eżami fil-kumitat	29.1.2024
Data tal-adozzjoni	14.2.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 56 –: 3 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Ioan-Rareş Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Saskia Bricmont, Jorge Buxadé Villalba, Damien Carême, Patricia Chagnon, Lena Düpont, Laura Ferrara, Nicolaus Fest, Maria Grapini, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Alice Kuhnke, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Erik Marquardt, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Emil Radev, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Isabel Santos, Birgit Sippel, Sara Skytvedal, Tineke Strik, Ramona Strugariu, Tomas Tobé, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Jadwiga Wiśniewska, Elena Yoncheva
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Patricia Caro Maya, Romeo Franz, Leopoldo López Gil, Jaak Madison, Matjaž Nemec, Carina Ohlsson, Philippe Olivier, Róża Thun und Hohenstein, Dragoş Tudorache, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mathilde Androuët, Laura Ballarín Cereza, Chiara Gemma, Svenja Hahn, Antonio López-Istúriz White, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Javier Nart, Nacho Sánchez Amor, Michal Wiezik

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

56	+
ECR	Chiara Gemma, Assita Kanko
ID	Mathilde Androuët, Patricia Chagnon, Nicolaus Fest, Jaak Madison, Philippe Olivier, Tom Vandendriessche
NI	Laura Ferrara
PPE	Vladimír Bilčík, Ioan-Rareș Bogdan, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Jeroen Lenaers, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Nadine Morano, Emil Radev, Paulo Rangel, Karlo Ressler, Sara Skytvedal, Tomas Tobé, Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Svenja Hahn, Sophia in 't Veld, Javier Nart, Ramona Strugariu, Róża Thun und Hohenstein, Dragoș Tudorache, Michal Wiezik
S&D	Laura Ballarín Cereza, Pietro Bartolo, Maria Grapini, Evin Incir, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemeč, Carina Ohlsson, Nacho Sánchez Amor, Isabel Santos, Birgit Sippel, Elena Yoncheva
The Left	Malin Björk, Patricia Caro Maya
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Damien Carême, Romeo Franz, Alice Kuhnke, Erik Marquardt, Tineke Strik

3	-
ECR	Jorge Buxadé Villalba, Patryk Jaki, Jadwiga Wiśniewska

2	0
NI	Milan Uhrík
Renew	Fabienne Keller

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Deċizzjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol	
Referenzi	13106/2023 – C9-0396/2023 – 2020/0011(NLE)	
Data tal-konsultazzjoni jew tat-talba għal approvazzjoni	25.10.2023	
Kumitati responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 18.1.2024	FEMM 18.1.2024
Kumitati mitluba jagħtu opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 18.1.2024	
Rapporteurs Data tal-ħatra	Kira Marie Peter-Hansen 17.1.2024	Cindy Franssen 17.1.2024
Artikolu 58 – Proċedura b’kumitati konġunti Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	18.1.2024	
Eżami fil-kumitat	24.1.2024	
Data tal-adozzjoni	15.2.2024	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 –: 2 0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	João Albuquerque, Atidzhe Alieva-Veli, Robert Biedroń, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Sylvie Brunet, Maria da Graça Carvalho, David Casa, Leila Chaibi, Ilan De Basso, Margarita de la Pisa Carrión, Gwendoline Delbos-Corfield, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Frances Fitzgerald, Cindy Franssen, Agnes Jongerius, Arba Kokalari, Alice Kuhnke, Stelios Kympouropoulos, Katrin Langensiepen, Guy Lavocat, Radka Maxová, Karen Melchior, Jozef Mihál, Johan Nissinen, Carina Ohlsson, Max Orville, Kira Marie Peter-Hansen, Dennis Radtke, Evelyn Regner, Diana Riba i Giner, Eugenia Rodríguez Palop, María Soraya Rodríguez Ramos, Maria Veronica Rossi, Mounir Satouri, Monica Semedo, Sylwia Spurek, Eugen Tomac, Marianne Vind, Maria Walsh	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Catherine Amalric, Laura Ballarín Cereza, Elena Kountoura	
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Clara Aguilera, Pietro Bartolo, Evin Incir, France Jamet, Petri Sarvamaa, Róża Thun und Hohenstein	
Data tat-tressiq	16.2.2024	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

48	+
ID	France Jamet, Maria Veronica Rossi
PPE	Maria da Graça Carvalho, David Casa, Jarosław Duda, Frances Fitzgerald, Cindy Franssen, Arba Kokalari, Stelios Kypouropoulos, Dennis Radtke, Petri Sarvamaa, Eugen Tomac, Maria Walsh
Renew	Atidzhe Alieva-Veli, Catherine Amalric, Sylvie Brunet, Guy Lavocat, Karen Melchior, Jozef Mihál, Max Orville, María Soraya Rodríguez Ramos, Monica Semedo, Róża Thun und Hohenstein
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Laura Ballarín Cereza, Pietro Bartolo, Robert Biedroń, Gabriele Bischoff, Milan Brglez, Ilan De Basso, Estrella Durá Ferrandis, Evin Incir, Agnes Jongerius, Radka Maxová, Carina Ohlsson, Evelyn Regner, Marianne Vind
The Left	Leila Chaibi, Elena Kountoura, Eugenia Rodríguez Palop
Verts/ALE	Gwendoline Delbos-Corfield, Alice Kuhnke, Katrin Langensiepen, Kira Marie Peter-Hansen, Diana Riba i Giner, Mounir Satouri, Sylwia Spurek
2	-
ECR	Johan Nissinen, Margarita de la Pisa Carrión
0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni